MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 636/2011

**Mobisle Communications Ltd (C24655)**

**vs**

**Maureen Theresa Barbara (ID 95291m)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta’ Awissu, 2011, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija u wiehed u hamsin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€351.57) ghar-ragunijiet msemmija fl-avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi, u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u hamsin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€351.57) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------